MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 371/2013

**Mirage Holdings Ltd**

**Vs**

**Galea Maurice**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Gunju, 2013 illi 'l-konven ut ghandu jghati lis-socjeta' attrici l-ammont komplessiv ta' tlett mija u hamsa u tlettin ewro (€335) kwantu ghal tlett mija u ghaxar ewro (€310) bejgh ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u kwantu ghal hamsa u ghoxrin ewro (€25) bhala interessi.

Jghid il-konvenut ghaliex hu ghandu jigi kkundanat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tlett mija u hamsa u tlettin ewro (€335) kwantu ghal tlett mija u ghaxar ewro (€310) bejgh ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u kwantu ghal hamsa u ghoxrin ewro (€25) bhala interessi dovuti.

Bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija u hamsa u tlettin ewro (€335) kwantu ghal tlett mija u ghaxar ewro (€310) fuq xi merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u kwantu ghal hamsa u ghoxrin ewro (€25) bhala interessi bl-imghaxijiet legali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------